**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 78

<u>It-Tlieta 31 ta' Lulju 2018</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinstab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-6.00p.m. ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

**78.1 Introduzzjoni**

78.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-18.00hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

78.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 77 ta' 9 ta' Lulju 2018.

78.1.3 Fuq proposta tas-Sur Salvu Farrugia sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar minuti nr 77 ta' 9 ta' Lulju 2018 ġew approvati unanimament.

**78.2 Punti mqajma mill-minuti**

78.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq punt 77.6.9 fejn tal-Villaġġ talab biex iġib xi mużiċisti għal waqt il-ġranet tal-festa.

78.2.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, infurmat lill-Kunsill li hija tkellmet personalment ma' tal-Villaġġ u staqsietu x'tip ta' mużika kien ser ikollu u jekk hux ser ikollu *speakers*.

78.2.3 Huwa wieġeb fil-pożittiv allura huwa stess iddeċieda li ma jagħmel xejn.

78.2.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit li wara l-festa għandna nibgħatu 'enforcement' bil-pulizija peress li dan il-bar għadu qed joħroġ il-bistro tables barra mingħajr il-permess tal-Kunsill.

78.2.5 Is-Sur Salvu Farrugia staqsa kif konna bqajna fuq il-ġbir ta' l-iskart l-għada tal-Festa.

78.2.6 Is-Segretarju nfurmat li kien ser isir ġbir ta' skart domestiku extra l-għada tal-jum tal-Festa u li suppost isir bl-istess prezz normali ta' kuljum imma fuq ftehiem ser jinġabar b'€18.00 extra minħabba li l-ġurnata hija it-Tlieta fejn suppost tinġabar ir-recycling bag biss allura ser isiru żewġ ġabriet.

78.2.7 Peress li qed ikun hemm ħafna ilmenti mir-residenti fuq il-ġbir ta' skart, il-Kunsill iddeċieda li mal-ewwel ilment ieħor, il-kuntrattur għandu jingħata 'verbal warning'.

78.2.8 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kellha flimkien mal-WasteServ, mas-Segretarju u Foreman tal-Kuntrattur, minn Settembru li ġej ser jibda l-ġbir ta' l-iskart organiku fejn ir-residenti ser jingħataw kontenitur u anke garbage bags bojod.

78.2.9 Dawn ser jiġbru l-*organic waste* mill-households biss allura il-clubs u l-bars irid ikollhom kollettur huma.

78.2.10 Is-Sindku u l-Kunsill qablu li għandna nesiġu mal-kuntrattur li jiġbor kuljum l-iskart speċjalment minn naħa ta' Triq Preziosi l-parti minn naħa ta' Villa Fracia peress li qed jitħalla ħafna skart minn ġurnata għal l-oħra.

78.2.11 Is-Sindku tkellmet fuq 77.3.35 fuq il-ġbir tal-ħwejjeġ *door to door,* hija qalet li rridu noqgħodu attendi li jekk il-Kunsill jaċċetta jrid bilfors ikollu boroż identifikati bil-logo tal-kumpanija għax inkella ser ikollna ħafna boroż barra li ma jinġabrux.

78.2.12 Is-Sindku qalet lis-Segretarju biex niċċekkjaw fejn mar il-bin ta' l-iskart organiku li kien hemm fil-ġnien li huwa kien tal-Kunsill. Għandna nistaqsu lill-ġardinar preċedenti.

## 78.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST

78.3.1 Is-Sindku qalet li wara li saret l-intervista mill-Bord ta' l-Għażla, għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv lil applikant wieħed li kien l-uniku eliġġibli fost it-tlett applikanti ma laħaqx il-*pass mark*.

78.3.2 Is-Sindku għaddiet mozzjoni fejn qalet li dan l-applikant ma jistax jiġi aċċetta għal post ta' Segretarju Eżekuttiv u li għandha terġa toħroġ il-call għal Segretarju Eżekuttiv fil-gazzetta tal-Gvern għat-tieni darba.

78.3.3 Din il-mozzjoni ssekondata mis-Sur Salvu Farrugia u għaddiet mill-Kunsill b'vot unanimu.

78.3.4 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet mal-Kunsill li wara l-applikant li kien ġie intervistat u ma ġiex aċċettat mill-Bord ta' l-għażla, il-Kunsill irid jitkellem fuq id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti.

78.3.5 Hija tkellmet mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti u hu ddeċieda li minħabba etika u sitwazzjoni li l-Kunsilli rispettiivi jinsabu fihom, il-kuntratt ma jiġix imġedded għat-tlett xhur li jmiss u li jibdew mill-1 ta' Settembru 2018.

78.3.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi pproponiet li għandna navviċinaw lis-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Balzan biex tieħu l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

78.3.7 Il-Kunsill qabel dwar dan unanimament.

78.3.8 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kellna laqgħa ma' l-EU Representative dwar Measure 4.4 fuq manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ.

78.3.9 Hija tat informazzjoni fuq il-laqgħa u l-kunsill iddeċieda li l-ewwel ser tintbagħat ittra lil owners ta' l-għeliqi biex l-ewwel naraw kemm hemm ħitan tas-sejjieħ biex jissewwew.

78.3.10 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet titkellem fuq l-measure 4.4 – EU funds għall-rubble walls u qalet li dawn jammontaw għal €150,000 għal kull Kunsill.

78.3.11 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tat informazzjoni lill-Kunsilliera fuq l-Organic Waste wara l-laqgħa li hija kellha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u mal-WasteServ.

78.3.12 Hija qalet li din ser tiġi fis-seħħ għal ħabta t'Ottubru u Novembru 2018.

78.3.13 Hija nfurmat li ser ikun hemm multi ħorox għal min ma josservax il-liġijiet f'dan ir-rigward.

78.3.14 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li peress li din l-iskema ser jingħataw 75% mill-fondi, il- 25% ser tingħata għajnuna mir-Regjun Ċentru.

78.3.15 Is-Segretarju nfurmat li biex isir dan il-proġett trid tittieħed loan mill-Bank peress li l-ewwel isir il-ħlas u wara jingħataw il-fondi.

78.3.16 Tressqet talba mingħand residenta li toqgħod Triq Dun Karm Lia. Ir-residenta qiegħda titlob biex jerġgħu jsiru l-linji tal-parking bays fuq in-naħa tax-xellug għax kulħadd jipparkja ġo xulxin saħansitra anke qed jagħlqu din it-triq.

78.3.17 Din ir-residenta qegħeda titlob ukoll biex issir mera faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet tal-binja l-ġdida li nbniet biex jkunu jistgħu jaraw minn hemm fl-isqaq u mhux jitilgħu mir-rampa mingħajr ma jagħtu kas.

78.3.18 Il-Kunsill approvaw li għandu jsir refreshing tal-lines eżistenti. Approvaw ukoll li għandha ssir mera.

78.3.19 Residenta qed tagħmel talba biex isir double yellow line minn fejn is-sala tal-Mirakli faċċata mal-ħitan tas-sejjieħ. Dan għaliex qed jipparkjaw il-karozzi kollha wara xulxin u ħadd ma jkun jista jgħaddi biex imur għal Triq San Liċinju u Triq il-Kunċizzjoni. Anke qed jkun hemm ħafna konfużżjoni għax minn hemm tgħaddi tal-linja. Hija qalet anke kieku ssir tabella 'no parking' ma' double yellow line tkun idejali.

78.3.20 Il-Kunsill iddeċieda li peress li dawn id-double yellow lines huma diġa eżistenti għandu jsir refreshing.

78.3.21 Talba mingħand resident biex jitneħħew il-cats eyes li hemm fil-pjazza ħdejn l-ispiżjara għax huma ta' periklu u qed jaqaw in-nies fihom.

78.3.22 Fuq din it-talba l-Kunsilliera għandhom jaraw liema l-cats eyes li mhumiex jaħdmu għandhom jitneħħew.

78.3.23 Talba mingħand resident biex isir Communal Reserved Parking fi Triq il-Kunċizzjoni fil-bidu ta' Triq il-Mitħna faċċata tal-Kappella tal-Kunċizzjoni.

78.3.24 Fuq din it-talba, il-Kunsill iddeċieda li għandu japplika r-resident inifsu għal dan il-Communal Reserved Parking.

78.3.25 Rapport mill-Kunsill Lokali rigward Reserved Parking Bay ta' residenti li joqgħod Triq Ħal Bordi, Ħal Lija.

78.3.26 Il-Kunsill approva u ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan ir-reserved parking.

78.3.27 Is-Sur Massimo Scerri ressaq ilment biex jitneħħa reserved parking ta' xi ħadd li kien miet fi Triq Sant'Andrija.

78.3.28 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat li dan kien tneħħa mir-resident stess wara li kienet mietet il-mara tiegħu.

78.3.29 Is-Segretarju nfurmat li l-ħaddiema ta' l-RSSL ser jerġa' jmisshom jiġu jaħdmu mal-Kunsill mit-Tnejn 3 ta' Settemrbu 2018 sal-Ġimgħa 28 ta' Settembru, għalhekk il-Kunsill irid jaħseb fuq ix-xogħolijiet li ser jingħataw dawn il-ħaddiema u anke jridu jiddeċiedu jekk hux ser jinkera van biex ikunu jistgħu ssiru dawn ix-xogħolijiet.

78.3.30 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi reġgħet qalet li parti mix-xogħolijiet iridu jkunu li jitnaddaf ma' ġenb il-Mitħna peress li sa dak inhar ikun sbarazzat is-site wara il-kostruzzjoni li sar.

78.3.31 Is-Sindku ssuġġerit ukoll biex meta jiġu l-ħaddiema f'Settembru, għandhom ikomplu refreshing ta'road markings, signs u lines mar-raħal kollu fejn ma sarx.

78.3.32 Fuq il-Mitħna, is-Sinjorina Lorraine Farrguia qed tisuġġerixxi li jkun ta' għajnuna lill-ħaddiema jekk fil-Mitħna l-ħaddiema jkollhom ukoll xi għodda hemmhekk.

78.3.33 Il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-van tal-Kunsill u ġie deċiż li għandna nipprovaw nixtru van transit.

78.3.34 Is-Sur Massimo Scerri ser jeħodha f'idejh u ser jara x'hemm fuq is-suq u jġib il-kwotazzjonijiet.

78.3.35 Il-Kunsill iddeċieda li għal Settembru minħabba li ser jiġu l-ħaddiema ta' l-RSSL ser jerġa' jinkera van ieħor. Għandhom jinġiebu xi kwotazzjonijiet u nagħżlu l-irħas.

78.3.36 Resident fi Triq il-Kbira no 37, jixtieq li sleeping policeman li hemm quddiemu tasal sa tarf tat-triq u titneħħa l- biċċa minn nofs. Dan sabiex il-karrozzi ma jibqawx jevitaw is-sleeping policeman billi jsuqu man-naħa tad-dar u jagħmlu l-ħsara.

78.3.37 Il-Kunsill qabel ma din it-talba u l-sleeping policeman għandha tiċċaqqlaq.

78.3.38 Residenta qeda tagħmel talba lill-Kunsill Lokali biex titneħħa sleeping policeman li fi Triq il-Kunċizzjoni għaliex meta jgħaddu l-karozzi jagħmlu ħafna storbju.

78.3.39 Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba peress li din saret bl-approvazzjoni mingħand ir-residenti stess permezz ta' petizzjoni.

78.3.40 Ftit tal-ġimgħat ilu l-Kunsill kien ideċieda li l-isqaq fi Triq Annibale Preca jisemma' Trejqet Annibale Preca. Il-Kunsill kien bagħat l-formola lill-kumitat ta' l-ismijiet fejn bagħtulna lura li ma laqawx din it-talba minħabba riferenzi għall-istess personaġġ u għalhekk għandu jistab isem ieħor. Importanti li jistab isem ieħor minħabba li waqaf kollox anke fuq il-formola l-oħra li ġiet approvata ta' Sqaq ta' Sejduna.

78.3.41 Il-Kunsill iddeċieda li dan l-isqaq għandu jissemma għal xi ħadd li kien ħa Ġieħ Ħal Lija mill-mejtin.

78.3.42 Residenti jixtiequ li wara n-nar tal-festa ġo Triq Ġiovanni Barbara Ħal Lija ssir tindif bl-ilma u mhux knis biss, biex il-ħmieġ l-iswed ma jibqax ħiereġ għal ġimgħat wara l-festa.

78.3.43 Il-Kunsill approva din it-talba li din it-triq kif ukoll il-bankini ghandhom jitnaddfu bil-power wash.

78.3.44 Is-Sindku, infurmat lill-Kunsill li bħal ma kienu diġa jafu nxtraw tiles biex jintlew il-gaps tal-play area u anke in-naħa tas-swings u l-ħaddiema tal-Kunsill għamlu dawn il-gaps li kien hemm.

78.3.45 Is-Sindku ssuġġerit li għandna niċċekkjaw fuq cameras miċ-Ċina fejn il-monitors ikunu ġo l-uffiċċju. Dan biex isir enforcement fuq il-vandaliżmu.

78.3.46 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tiċċekkja dwar dawn il-cameras.

78.3.47 Is-Sindku ressqet lista ta' permessi tal-MEPA għar-rakkomandazzjoni.

78.3.48 Fuq PA05885/18 u PA06185/18 – il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni, fuq PA06539/18, għandu jiġi ċċekkjat fuq il-class 4B shop u fejn qeda s-sit eżatt peress li jidher li din qeda fi Triq Ramiro Barbaro u mhux c/w Triq Mario Agius, fuq PA06379/18, il-Kunsill għandu jistaqsi lill-Perit jekk l-għoli huwiex bil-liġi.

## PROĠETTI LI SER ISIRU MILL -FONDI TAL-UIF

78.3.46 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li bħal ma kienet diġa nfurmathom il-MEPA avżawna li l-UIF Funds ma jistawx jintużaw iktar biex isir resurfacing jew potholes fit-toroq, imma jistgħu jintużaw fuq bankina u pedestrian zones.

78.3.47 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet intbagħtet lill-President ta' l-Assoċjazzjoni u anke lill-membru tal-Parlament fuq dan imma s'issa ma tawniex risposta.

78.3.48 Is-Segretarju nfurmat fuq liema proġetti dawn il-proġetti jistgħu jintużaw fejn fosthom hemm mill-fanali li l-Kunsill kien diġa ddeċieda biex isiru mill-UIF Funds.

78.3.49 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha terġa titkellem mal-MCCAA biex tiċċekkja jekk inkunux nistgħu nirranġaw l-area kollha fejn hemm mill-bandli bħala proġett wieħed u li jkun qisu maqgħtuh mill-ġnien.

78.3.50 Is-Sindku ukoll tkellmet fuq il-fanali li jistgħu jsiru ukoll mill-fondi tal-UIF pero l-ewwel irid jiġu ddentifikati l-lampi l-imtappnin li jridu jinbidlu.

78.3.51 Is-Sindku għandha tagħti l-lista tal-fanali li hija kienet ħadet biex fuqha jiġi mmarkat il-fanali l-imtappnin li iridu jinbiddlu.

78.3.52 Fuq dan il-proġett għandhom mmorru s-Segretarju u s-Sinjorina Lorraine Farrugia wara li s-Sindku tagħtina l-lista tal-fanali eżistenti li hija ħadet.

UPDATE FUQ L-ERASMUS

78.3.53 Il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar tat *update* fuq l-Erasmus project li issa qed nistennew mill-lukanda biex nibbukkjaw u nistennew il-parteċipanti biex jibbukkjaw.

78.3.54 Hija qalet biex inxerdu l-kelma għal min għandu 17 u l-fuq minn17 il-sena. Hija qalet ukoll li min japplika taħt it-18 il-sena ikollu bżonn il-*parents consent.*

78.3.55 Hija qalet li min japplika ser ikollhom jiffirmaw dokument peress li l-biljetti ta' l-ajru ser jinqatgħu mill-ewwel.

## 78.4 FESTA TAS-SALVATUR 2018

78.4.1 Is-Segretarju ressqet talba mingħand il-Kumitat ta' l-Armar biex tingħalaq il-pjazza b'No Parking signs.

78.4.2 Ġie deċiż mill-Kunsill li fl-4 t'Awwissu l-Pjazza tingħalaq mit-8:00p.m. il-quddiem u fil-5 t'Awwissu t-triq tingħalaq mill-5:00p.m. u fil-Festa 6 t'Awwissu din tingħalaq mill-Pulizija minħabba l-purċizzjoni.

78.4.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li fi Triq Dun Karm Lia mal-binja tal-GAP hemm arbli li qegħdin fuq il-bankina li l-wires tagħhom qegħdin imdendlin.

78.4.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat li l-Kumitat ta' l-armar għadhom qegħdin jaħdmu fuqhom.

## 78.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

78.5.1 Il-Minority Leader is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li hija tkellmet mal-Pulizija u staqsiethom kif nistgħu napplikaw biex ikollna Sub Police Station ġo Ħal Lija.

78.5.2 Il-Pulizija qalulna li trid tintbagħat ittra lill-Kummissarju u tagħmel it-talba.

78.5.3 Is-Sindku, qalet li nistgħu nerġgħu nipprovaw peress li din diġa ntalbet u ġiet rifjutata.

78.5.4 Hija qalet ukoll li bħalissa l-għasses qed ikunu iktar maluqgħin peress li m'għandhomx pulizija biżżejjed.

78.5.5 Għandha tintbagħat ittra mis-Sindku rigward din it-talba.

78.5.6 Il-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq x'kien ġara mill-bus stop 'Lapira' ta' Triq Kardinal Ferretti peress li dan għadu ma sarx għalkemm xahrejn ilu kienu qalulna li ser jagħmluh.

78.5.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet biex inkunu nafu eżatt x'ser isir fil-Housing Estate peress li s'issa jidher li qed jaħdmu fuq lift anke peress li fuq il-media Ħal Lija ma ssemmietx meta ssemma l-proġett fuq il-Housing Estates.

78.5.8 Hija tat *contact name* lil min għandna nkellmu.

78.5.9 Is-Segretarju qalet ukoll li qed nirċievu l-ilmenti mingħand ir-residenti anke għal fatt li qed jitħalla ħafna ħmieġ fil-Housing Estate waqt u wara li jaħdmu.

## 78.6 Rapporti

78.6.1 Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ittra ta' riżenja mingħand is-Sinjorina Pamela Borg mill-kariga ta' Executive Officer mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

78.6.2 L-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha hija l-Ħamis 16 ta' Awissu 2018.

78.6.3 Il-Kunsill irid jiddeċiedi hekk hux ser iħallas lil Pamela ta' leave li fadlilha u tispiċċa fis-16 t'Awissu jew inkella ma jħallasiex tal-leave u tieqaf immedjetament.

78.6.4 Il-Kunsill iddeċieda li Pamela tibqa' taħdem il-Kunsill u titħallas tal-leave li fadlilha.

78.6.5 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li trid tinħareġ call lill-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex u Regional Committees u jekk ma japplika ħadd il-call tinħareġ call mal-JobsPlus.

78.6.6 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li jrid jiddeċiedu jekk il-call toħroġx għal Clerk Scale 15 jew Executive Officer Scale 13.

78.6.7 Il-Kunsill iddeċieda għall-Kunsilli ta' Malta u Għawdex u Regional Committees tinħareġ call għall-Executive Officer Scale 13 u għandna nistaqsu d-Dipartiment jekk

nistgħux wara li jgħaddi dan il-proċess, noħorġu l-call mal-Jobs Plus għal Clerk Scale 15.

78.6.8 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Rapport ta' l-Ageing Creditors sa 30 ta' Ġunju 2018 għall-approvazzjoni.

78.6.9 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament.

**78.7 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEGA**

78.7.1 Ma kienx hemm items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali meħtieġa.

**78.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U L-PETTY CASH**

78.8.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2018.

78.8.2 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondtata mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2018 ġew approvati unanimament.

78.8.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mill-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-petty cash għax-xahar ta' Awwissu 2018 ġiet approvata unanimament.

**78.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

78.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8:10p.m.u ġiet aġġornata għall-laqgħa li ser issir nhar it-Tnejn 3 ta' Settembru 2018, fil-5:00p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Georgette Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |